

Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 138(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/88/UE, tas-7 ta' Diċembru 2010, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-benefiċċju tad-dritt għal eżenzjoni ta' provvista intra-Komunitarja mill-VAT jiġi rrifjutat lill-bejjiegħ, bil-kundizzjoni li jiġi stabbilit, fid-dawl ta' elementi oġġettivi, li dan tal-aħħar ma ssodisfax l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-provi jew li kien jaf jew kien messu kien jaf li t-tranżazzjoni li kien għamel kienet involuta fi frodi mwetqqa mix-xerrej u li ma kienx ħa l-miżuri raġonevoli kollha li seta' jieħu sabiex jevita l-parteċi-pazzjoni tiegħu f'din il-frodi.
- (2) L-eżenzjoni ta' provvista intra-Komunitarja mill-VAT, fis-sens tal-Artikolu 138(1) tad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2010/88, ma tistax tiġi rrifjutata lill-bejjiegħ minħabba s-sempliċi raġuni li l-awtorità fiskali ta' Stat Membru ieħor ħassret in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tax-xerrej li, minkejja li dan it-tassir seħħ wara l-provvista tal-merkanzija, kellu effett, b'mod retroattiv, għal data qabel dik li fiha saret din il-provvista.

(¹) ĠU C 269, 10.09.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba Awla) tas-6 ta' Settembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif — Il-Lussemburgu) — DI VI Finanziaria SAPA di Diego della Valle & C vs Administration des contributions en matière d'impôts

(Kawża C-380/11) (¹)

(Libertà ta' stabbiliment — Artikolu 49 TFUE — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kapital — Kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-kapital — Telf tal-kwalità ta' persuna taxxabli suġġetta għat-taxxa fuq il-kapital wara t-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat tal-kumpannija lejn Stat Membru ieħor — Restrizzjoni — Ġustifikazzjoni — Raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali)

(2012/C 355/10)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal administratif

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: DI VI Finanziaria SAPA di Diego della Valle & C

Konvenuta: Administration des contributions en matière d'impôts

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal administratif — Interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kapital — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju tat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-kapital, għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tibqa' suġġetta għal din it-taxxa fuq il-kapital fl-Istat Membru kkonċernat matul il-ħames snin taxxabli sussegwenti — Telf tal-kwalità ta' persuna taxxabli fir-rigward tat-taxxa fuq il-kapital wara t-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat lejn Stat Membru ieħor

Dispożittiv

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-għoti ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-kapital huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-benefiċjarju jibqa' suġġett għal din it-taxxa matul il-ħames snin taxxabli segwenti.

(¹) ĠU C 298, 08.10.2011

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Settembru 2012 — Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej, Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawżi magħquda C-422/11 P u C-423/11 P) (¹)

(Appelli — Rikors għal annullament — Inammissibilità tar-rikors — Rappreżentazzjoni quddiem il-Qorti tal-Unjoni — Avukat — Indipendenza)

(2012/C 355/11)

Lingwa tal-proċedura: il-Pollakk

Partijiet

Appellanti: Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej [rappreżentanti: D. Dziedzic-Chojnacka u D. Pawłowska, radcowie prawni], Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: M. Szpunar kif ukoll minn A. Kraińska u D. Lutostańska, aġenti]

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea [rappreżentanti: G. Braun u A. Stobiecka-Kuik, aġenti]

Suġġett

Appelli mressqa mid-Digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-23 ta' Mejju 2011, Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej vs Il-Kummissjoni (T-226/10), li permezz tiegħu il-Qorti Ġenerali ddikjarat inammissibbli r-rikors tal-Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej, intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 1234, tat-3 ta' Marzu 2010, adottata b'applikazzjoni tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), li tordna lill-awtorità regolatorja Pollakka fil-qasam tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tas-servizzi postali li tirtira żewġ abbozzi ta' miżuri nnotifikati dwar is-suq nazzjonali bl-ingrossa tal-iskambju ta' traffiku IP (tranżitu IP) (Każ PL/2009/1019) u s-suq bl-ingrossa ta' peering IP man-network ta' Telekomunikacja Polska S.A. (TP) (Każ PL/2009/1020) — Interpretazzjoni żbaljata tat-tielet u tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikkunsidrat flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll mas-sitt paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE, u l-Artikolu 113 tar-Regoli tal-Proċedura — Ksur tal-Artikolu 67(1) TFUE, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 113 tar-Regoli tal-Proċedura — Ksur tal-Artikolu 5(1) u (2) TUE, ikkunsidrat